**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 22 – IT-TNEJN, 4 TA' ĠUNJU 2012**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru (waslet fis-5:40pm) |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Skużata: | Evelyn Muscat | Membru |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

1.2 Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIĊ-*CHAIRPERSON*

2.1 Iċ-*Chairperson* infurmat lill-membri preżenti li l-laqgħa dwar il-*Public Consultation Meeting* se ssir nhar it-Tlieta 5 ta' Ġunju, 2012. It-tema ta' din il-laqgħa hija proprju kif se tiġi Triq il-Kosta. Sadanittant is-Sinj. Cuomo infurmat li mill-informazzjoni li kellha x-xogħol kien ippjanat li jibda lejn nofs is-sena 2013.

2.2 Is-Sinj. Cuomo semmiet il-laqgħa li saret bejna, is-Sinj. Muscat, is-Sur Paul Gatt, is-Sur Roderick Debono u f'xi waqtiet kien hemm anke s-Sur Bonello f'Baħar iċ-Ċagħaq nhar it-Tnejn 7 ta' Mejju, 2012.

2.3 Din il-laqgħa serviet ta' spezzjoni f'Baħar iċ-Ċagħaq fejn issemmew ħafna nuqqasijiet li għandhom jittieħdu passi dwarhom. Fost dawn ix-xogħlijiet hemm minnhom li diġà ttieħdet azzjoni dwarhom:

- Manutenzjoni fuq il-bankina mkissra fi Triq is-Sibbiena.
- Manutenzjoni fuq il-kurduna li kienet sfat maqlugħa fi Triq Anton Manwel Caruana.
- Manutenzjoni fuq biċċa bankina fi Triq l-Iskall ma' Triq is-Sikka.
- Iċ-ċaqliq tat-tabelli tal-*bring-in-sites.*

2.4 F'dan il-ħin waslet is-Sinj. Maria Vella. Il-ħin kien is-5:40pm.

2.5 Is-Sinj. Cuomo ġibdet l-attenzjoni tal-kumplament tal-bord li fil-ħarġa tal-kuntatt ta' Mejju, 2012 kien hemm avviż dwar is-servizzi ta' Child Care Centres li minnhom hemm imnejn jibbenifikaw ir-residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq.

## 3. ARTS IN THE PARK

3.1 Is-Sinj. Cuomo infurmat li d-Dipartiment approva l-attività u għalhekk il-finanzjament li kien ippjanat għall-Festival tal-Ġelati se jmur għal din l-attività.

3.2 F'dan id-dawl iċ-*Chairperson* għamlet diġà xi kuntatti għal din l-attività li jinkludu:

- Mas-Sinj. Christina Schranz dwar *balet* u *jazz* għall-individwi minn ħmistax-il sena 'l fuq;
- Mas-Sinj. Annabelle Attard dwar Show taz-Zumba;
- Mas-Sur Mark Mallia dwar esebizzjoni ta' Arti u Fotografija;
- Mas-Sinj. Anny Azzopardi fuq esebizzjoni ta' xogħol ta' ċombini;
- Kif ukoll, kellha komunikazzjoni ma' persuna li tagħmel xogħol ta' dekorazzjoni fuq il-bajd.

3.3 Kien hemm qbil unanimu li l-attività għandha ssir fuq firxa ta' jumejn, Il-Ġimgħa 27 u s-Sibt 28 ta' Lulju 2012 filgħaxijiet.

3.4 Is-Sur Bonello semma' l-grupp *Segway Group Challenges* filwaqt li s-Sur Woods semma' l-*BMX riders* bħala attrazzjonijiet għal din l-attività. Għal dawn tal-aħħar is-Sur Woods se jipprova jsib kompromess sabiex jiġu fil-ġurnata tas-Sibt 28 ta' Lulju 2012 mis-7.30pm 'il quddiem.

3.5 Intweriet ix-xewqa li l-grupp Peruvjan jipparteċipaw f'din l-attività, kemm fil-ġurnata tal-Ġimgħa kif ukoll is-Sibt.

3.6 Il-Kumitat qabel li għandna ngħidu lil *Saint John Ambulance* kif ukoll lil dawk is-sidien li jarmaw bil-Candy Floss, b'xi kjosk, bil-hot dogs, fost l-oħrajn.

3.7 Kuntatti oħra li tixtieq tagħmel iċ-Chairperson kienu ma' Claudette Pace u Ron Briffa.

## 4. IL-ĠNIEN SANTA MARIJA TAL-ANĠLI

4.1 Is-Sur Bonello semma' l-vandaliżmu li kien qiegħed iseħħ fil-Ġnien Santa Marija tal-Anġli. Fid-dawl ta' dan kien hemm qbil unanimu li għandha ssir laqgħa mal-Ispettur Josric Mifsud dwar dawn l-abbużi.

4.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa mal-Ispettur issir it-Tlieta 12 ta' Ġunju 2012 jew inkella t-Tnejn 11 ta' Ġunju 2012.

4.3 Issemma' ukoll li mill-ġibjun qed joħroġ l-ilma. Għalhekk huwa mitlub li tkun infurmata l-Perit tal-proġett sabiex nivverifikaw jekk hemmx xi ħsarat.

**5. FULJETT GĦAL BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

5.1 Kien hemm qbil li fil-fuljett għandu jkun hemm il-programm tal-attivitajiet inkluż l-attivitajiet sportivi.

5.2 F'dan il-ħin id-diskussjoni kompliet tiżvolġi fuq l-attivitajiet varji għas-sajf biex ikunu inklużi fil-fuljett.

5.3 Is-Sur Woods wera' x-xewqa li tul is-Sajf 2012 jibdew isiru sessjonijiet ta' drama, arti kif ukoll xogħol tal-idejn għat-tfal residenzjali f'Baħar iċ-Ċagħaq. Kien hemm qbil unanimu li għandu jsir tentattiv sabiex dawn is-sessjonijiet isiru fil-ġurnata tat-Tnejn għall-ħabta tal-10.00am.

5.4 Is-Sinj. Vella se titkellem mad-Diretturi ta' *A' L'Orange* f'Baħar iċ-Ċagħaq biex possibilment jisponsorja ċ-ċirkulari. Kemm-il darba jaċċetta għandu jissupplixxi lill-Kunsill Lokali bl-*Artwork*. Din trid tkun diġitali u jkollha riżoluzzjoni għolja sabiex tintwera fuq il-flyers u l-posters li jitqassmu mar-residenti.

**6. BRIDLE PATH – TREJQA FI TRIQ QALET MARKU**

6.1 Is-Sinj. Cuomo stqarret li din il-kwistjoni kienet ħadet wisq fit-tul u għalhekk ma kinitx aċċettabbli. Għal dan il-għan kienet qed tikkonsidra li tirrikorri għand il-mezzi tax-xandir.

6.2 Hija infurmat li kienet se titkellem mas-Sur Jonathan Vella, Deputy Chairman ta' Transport Malta, bil-ħsieb li tirrisolvi din il-kwistjoni kemm jista' jkun malajr.

**7. ĦWEJJEĠ OĦRA**

7.1 Issemma' ukoll ix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-bankina fi Triq il-Lampara li kien għadu ma bediex. Dan ix-xogħol għandu jsir minn Vella Group Ltd.

7.2 Is-Sur Woods staqsa dwar ir-rampa mibnija riċentament għal garaxx fi Triq A M Caruana. Huwa kien infurmat mis-Segretarju Eżekuttivi li dik kienet saret illegalment.

**8. TMIEM IL-LAQGĦA**

7.3 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 3 ta' Lulju 2012 fl-4:00pm.

7.4 Il-laqgħa intemmet fil-19:00pm.

| | |
|---|---|
| **Mary Anne Cuomo** | **Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM** |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |